**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 21 ta` Gunju 2022**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Eman Hayman)**
**Vs**
**ROMINA BRUNO ARNAUD**

**KUMP NUMRU: 316/2021**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputata, Romina Bruno Arnaud detentriċi tal-karta ta' l-identita 195374M, giet akkuzata talli nhar id-19/05/2021 fil-hinijiet ta' bejn 8AM u 9AM ġewwa l-Imtarfa;

1. Volontarjament ikkaġunat ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe' offiża ta' natura ħafifa fuq persunt ir-raġel tagħha **Tracy Bruno** hekk kif iċċertifika Dr. Julian Grech;

2. Insulentat, heddedt jew inġurjat bi kliem jew b'mod ieħor lil **Tracy Bruno;**

3. Għamlet inġurji jew theddid mhux imsemmijja band'oħra fil-kodiċi kriminali lil **Tracy Bruno** jew, jekk kienet ipprovokata, inġurjat b'mod li ħarġet barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra **Romina Bruno Arnaud** a benefiċju ta' **Tracy Bruno** u dan fit-termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta Malta.

Il-Qorti hija mitluba wkoll f'każ ta' ħtija, sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' **Tracy Bruno** jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil **Romina Bruno Arnaud** billi tapplika l-Artikoli 382A et seq tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq.

Il-Qorti hija ġenitlment mitluba li jekk jidrilha xieraq tordna ordni ta' trattament skond Art 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali ta' l-20 ta' Mejju 2021 (ara folio 9) sabiex din il-kawza titmexxa bir-rit sommarju;

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment;

Semghet sottomissjonijiet;

**Ikkunsidrat**;

Illi dak li irrizulta, fil-qosor, f'dan il-kaz, kien is-segwenti:

Bejn il-konjugi Tracy Bruno Arnaud (ir-ragel) u Romina (il-mara), jirrizulta li hemm problemi ovvji fiz-zwieg taghhom, tant ukoll illi mhux biss incidenti varji li jinqalghu minn zmien ghal zmien, izda wkoll hemm pendenti proceduri ta' separazzjoni. Certament illi s-sitwazzjoni tal-familja Bruno Arnaud mhux wahda felici, specjalment meta wiehed iqis li hemm zewg ulied li qed jghixu dan il-kollass fil-familja.

Riferibbilment ghal dan il-kaz specifiku u mertu ta din il-kawza, irrizulta illi nhar id-19 ta' Mejju 2021, l-imputata Romina Bruno Arnaud marret gewwa l-Imtarfa, fejn il-familja jidher li ghandha r-residenza matrimonjali, u dana sabiex, presumibbilment, tiehu xi effetti personali taghha minn garaxx partikolari (propjeta tal-konjugi) sitwat qrib l-istess dar matrimonjali.

Jidher illi zewgha lemah dan kollu u ra illi l-imputata kienet accediet ukoll ghal garaxx iehor (propjeta wkoll tal-konjugi) u hemmhekk jidher li l-imputata, b'rabja, bdiet tqalleb oggetti 'appartenenti' jew li komunement jintuzaw minn Tracy Bruno Arnaud. Kif ra hekk, l-imsemmi Tracy Bruno Arnaud beda jersaq fejn kienet martu l-imputata u dan filwaqt li beda jirrekordja x'kien qed jigri bil-mobile tieghu.

Irrizulta, fost kliem insolenti u ingurjuzi (kliem xejn sabih gej miz-zewg nahat), li f'hin minnhom l-imputata tersaq lejn zewgha, gew ras imbras u f'dan il-mument gidmitlu imniehru u bhala konsegwenza ikkagunatlu ferita hafifa, kief gie iccertifikat. U f'dan il-mument Tracy Bruno Arnaud imbotta lill-imputata minn mieghu.

**Ikkunsidrat**;

Illi dawn ir-rizultanzi processwali gabu, legittimament u ragonevolment, lill-imputata passabbli ghall-imputazzjonijiet dedotti.

Dwar l-ahjar sanzjoni, din il-Qorti qed tqis it-tbaghtija li tinsab ghaddejja minnha din il-familja u tawgura li incidenti simili ma jirrepetux ruhhom u li l-partijiet jikkoncentraw b'mod matur fuq ir-rizoluzzjoni tal-kwistjonijiet ta' bejniethom fil-qafas tal-proceduri ta' separazzjoni u jfixxu li jevitaw li jaghmlu hsara lilhom infushom u wisq aktar lil uliedhom.

**Decide.**

**GHALL-DAWN IL-MOTTIVI, L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 214, 221(1), 222(1), 202(h), 339(1)(d), u 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijet ta' Malta;

1. Issib lil imputata hatja ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti, izda minflok piena, qed tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur millum u dana ai termini ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti fissret lill-hatja l-konsegwenzi jekk hija tikser din l-Ordni mposta.

2. **Ordni skond l-Artikolu 382A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.**

<u>**Bla hsara**</u>, ghall-ezercizzju tad-drittijiet taghha, ghal kull kundizzjoni mposta minn Qorti/Qrati ohra, inkluz dawk Civili, ghar-relazzjoni taghha mal-ulied, u ghal dak kollu li hu ragonevoli u legittimu, tordna l-hrug ta' ordni ta trazzin bis-sahha u ai termini ta` l-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, u fid-dawl tal-atteggjament taghha, kif rizultanti mill-atti, fil-konfront ta' **Tracy Bruno Arnaud** u bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta` u ghall-protezzjoni tal-persuna msemmija, u ghaz-zamma tal-ordni pubbliku, l-Qorti qeghda bil-prezenti u

f'termini generali taghmel Ordni ta` Trazzin fil-konfront tal-hatja **Romina Bruno Arnaud** billi tipprojbixxi u tirrestringi lill-istess **Romina Bruno Arnaud** milli tavvicina jew b'xi mod issegwi l-movimenti tal-persuna msemmija, u billi tipprojbixxi lil **Romina Bruno Arnaud** milli tikkuntattja jew timmolesta lill-persuna msemmija,

Il-Qorti fissret lill-hatja l-konsegwenzi jekk hija tikser din l-Ordni mposta.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur